Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)
**Maġ. Dr. N. Lia**

[redacted]

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Rikors ta' [redacted] a tenur tal-artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali**
**Jesponi bir-rispett:**

Illi fid-29 ta ' Settembru 2023 l-esponent ghamel rapport kontra s-sur [redacted] gewwa l-ghassa tal- Belt Valletta, liema rapport ghandu n-numru **9/POL/6804/2023. (Dok A)**

Illi l-fatti tal-inċident de quo kienu s-segwenti:

1. Illi l-esponent kien qasam esperjenza personali li kellu mal-kamra tal-ahbarijiet tat-TVM, liema esperjenza kienet giet ukoll mxandra fuq l-ahbarijiet tal-istess stazzjon.

2. Illi dan l-artikolu kien jitkellem dwar l-vjolenza omofobika li l-esponent kien sofra tul is-snin tal-iskola u ghaldaqstant huwa kien qasam din l-esperjenza sabiex it-tfal jigu protetti mill-vjolenza u l-bullying.

3. Illi s-Sinjur Grech Mintoff li huwa l-Kap tal-Partit ABBA, partit ta' fhemiet estremesti, flimkien mal- Membri tal-istess Partit ABBA u xi nies vicin l-partit, kienu ghamlu kampanja ta' minsinformazzjoni dwar l-avveniment EuroPride li huwa avveniment kbir ta' ċelebrazzjoni għad-drittijiet tal-komunità LGBTQIA+ li jsir kull sena f'belt Ewropea differenti. Illi apparti din il-misinformazzjoni li kienu jaghtu li n-nies kienu wkoll jincentivaw lil poplu Malti sabiex iqumu kontra dawn it-tip ta'avvenimenti.

4. Illi **Nhar is-16 ta' Settembru 2023**, propju dakinhar li kien ha jigi ccelebrat l-EuroPride F'Malta s-sur [redacted] ha l-okkazzjoni sabiex ghal-darb ohra b'referenza ghall-esperejenza li l-esponent kien qasam mat-TVM jtella post fuq Facebook liema post kien intuza sabiex tkellem b'mod dispregattiv fil-konfront tal-esponent , kif ukoll xerred informazzjoni falza dwar l-istess esponent.

5. Illi f'din il-pubblikazzjoni li ghamel s-sur Grech Mintoff sahansitra ivvinta storja dwar l-esponent u ghamel diversi insinwazzjonijiet dwar il-generu u s-sesswalita tal-esponent waqt li sejjahlu bhala persuna 'DIABOLIKA'. (Dok B) Liema aggettiv hija kkunsidrata bhala disumanizzanti u li tista tincita lil dawk li jridu l-affarijiet jitmexxew abbazi ta'ordni religjuza.

6. Illi dan il-post, kien vizzibli ghall-kullhadd fuq il-Facebook ghall-madwar erbgha u ghoxrin siegha, izda dan ma kienx bizzejjed u s-Sur Grech Mintoff mar pass oltre u xerred dak li kieteb f'sebgha pagni differenti fuq il-facebook**, 'Front Kontra l-Gurnalizmu, il-grupp tas-26, Zviluppaturi ieqfu thanzru – Malta u Ghawdex, Duminku Mintoff – 1916-2012, Xettici EU Malta, u Abortion Malta- Not in my name.**

7. Illi dawn l-akkuzi fil-konfront tal-esponent li huwa professjonist, huma konsegwenzjali minhabba l-fatt li huwa jahdem fil-qasam tal-ugwaljanza fejn wettaq hafna xoghol favur il-ligijiet u politika inklussiva f'Malta kif ukoll fuq livell Ewropew

Illi minkejja li dawn il-fatti jitkellmu waħedhom, il-Pulizija ma ħadet ebda passi kontra s-Sur Grech Mintoff.

Illi l-esponenti qiegħed jobbliga ruħu taħt penali li tiffissa dina l-Qorti li jġib dawk il-provi kollha li għandu f'idu illi bihom Matthew Bajjada jista' jinstab ħati;

**ELENKU TAX-XHIEDA:**

1. L-esponenti innifsu għal konferma tal fatti;
2. Kull membru tal-Korp tal-Pulizija li talvolta sejjer ikun involut f'din l-investigazzjoni;
3. Kull xhud iehor relevanti.

**ELENKU TAD-DOKUMENTI MEHMUŻA:**

1. Dok. A – Rapport tal-Pulizija
2. Dok. B – Ritratt tal-facebook post

**TALBA:**

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett, lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex wara li tisma` l-provi li jġib l-esponenti u l-Kummissarju tal-Pulizija u ssib li hemm *prima facie* lok għad-denunzja, hija tordna lill-Pulizija sabiex tistitwixxi proċeduri kriminali kontra [redacted] u dana a tenur tal-artikoli:

1. 82A tal-kodici Kriminali;
2. 82C tal-Kodiċi Kriminali;
3. 82D tal-Kodiċi Kriminali

U dana previa kull kondizzjoni li dina l-Onorabbli Qorti talvolta jgħoġobha timponi.

**Av. Roberta Bonello**
Mifsud & Mifsu
123, Triq Melita
Valletta